III

*(Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE)*

# ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

## AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2007/484/PESK

### ta' l-10 ta' Lulju 2007

### li testendi l-Azzjoni Konġunta 2006/439/PESK dwar kontribut ulterjuri ta' l-Unjoni Ewropea għall-proċess ta' soluzzjoni tal-kunflitt fil-Ġeorġja/Ossetja tan-Nofsinhar

IL-KUNSILL ta' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Ġunju 2006, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2006/439/PESK ([1]), li tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2007.

(2) Abbażi tal-valutazzjoni tal-Missjoni ta' l-OSKE fil-Ġeorġja u tar-rakkomandazzjonijiet tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għall-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-Kummissjoni, il-kontribut ta' l-UE għandu jitkompla sa l-aħħar ta' l-2007,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

*Artikolu 1*

L-Azzjoni Konġunta 2006/439/PESK hija b'dan estiża sal-31 ta' Diċembru 2007.

*Artikolu 2*

L-ammont ta' referenza finanzjarju previst fl-Artikolu 4 ta' l-Azzjoni Konġunta 2006/439/PESK għandu jkopri l-infiq relatat mal-perijodu mill-1 ta' Lulju 2006 sal-31 ta' Diċembru 2007.

*Artikolu 3*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 4*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Lulju 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. TEIXEIRA DOS SANTOS

([1]) ĠU L 174, 28.6.2006, p. 9.